MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2003

Citazzjoni Numru. 1943/1999/1

**Joseph u Carmen konjuġi AĠIUS, John u Antonia konjuġi Aġius u Paul u Mary konjuġi Aġius**

**vs**

**Carmelo u Josephine konjuġi GAUĊI**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fit-3 ta’ Settembru, 1999, li bih l-atturi ippremettew:

Illi l-atturi huma l-proprjetarji ta’ porzjon raba fiż-żona magħrufa bħala Tal-Qarbuni, limiti ta’ San Pawl il-Baħar;

Illi l-konvenuti jiddetjenu porzjon oħra art fl-istess żona, liema art hija adjaċenti mar-raba ta’ l-atturi;

Illi l-atturi jgawdu dritt ta' passagg għar-raba tagħhom minn fuq trejqa li mit-triq pubblika twassal għall-istess raba, liema trejqa tinsab fuq porzjon art tal-konvenuti;

Illi dan id-dritt ta' passagg ilu jiġi eżerċitat paċifikament għal numru konsiderevoli ta' snin kif jiġi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

Illi għall-ħabta ta' Awissu ta' l-1999, il-konvenuti b'mod unilaterali u klandestin għalqu l-aċċess għat-trejqa permezz ta' xatba bil-pjanċi tal-ħadid u sakkru l-istess permezz ta' katnazz u rrifjutaw li jagħtu aċċess lill-atturi;

Illi dan l-aġir illeċitu da parti tal-konvenuti jikkosttwixxi spoll vjolenti, klandestin u riċenti fil-konfront ta' l-atturi;

Illi l-konvenuti qegħdin jirrifjutaw li jirripristinaw l-aċċess liberu u d-dritt ta' passagg li l-atturi jgawdu;

Illi l-atturi qegħdin isofru danni ingenti f'li ma jistgħux jikkuraw ir-raba u l-proprjeta' tagħhom u l-prodott agrikolu ta' l-istess raba, għal liema danni l-konvenuti qegħdin min issa jinżammu responsabbli;

Illi l-atturi m'għadhomx mezz ieħor biex jaċċedu għar-raba tagħhom, ħlief mill-imsemmija trejqa;

Għalhekk l-atturi talbu lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m'għandhiex għar-raġunijiet premessi:

1. Tiddikjara illi l-konvenuti kkommettew spoll vjolenti klandestin u riċenti fil-konfront ta' l-atturi billi għalqu l-aċċess għat-trejqa msemmija permezz ta' xatba bil-pjanċi tal- ħadid u sakkru l-istess permezz ta' katnazz u rrifjutaw li jagħtu aċċess lill-atturi u b'hekk qed jimpedulhom il-liberu aċċess għar-raba tagħhom;

2. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex fi żmien qasir u perentorju jneħħu kull xkiel għall-aċċess ta' l-atturi għar-raba tagħhom, billi jneħħu l-katnazz u jilliberaw l-aċċess għar-raba ta' l-atturi u b'hekk jiġi ripristinat id-dritt ta' passagg ta' l-istess atturi;

3. Tawtorizza lill-atturi sabiex, fin-nuqqas tal-konvenuti u a spejjeż ta' l-istess konvenuti, jagħmlu huma x-xogħlijiet neċessarji u dan taħt is-supervizjoni ta' perit nominandi, jekk ikun il-każ;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti nġunti għas-subizzjoni u b'riserva għad-danni;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-atturi;

Rat in-Nota mressqa fit-8 ta' Marzu, 2000, li biha l-imħarrkin miżżewġin Gauċi eċċepew:

1. Illi l-azzjoni tal-atturi hija insostenibbli u għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess atturi billi l-elementi essenzjali tal-ispoll ma ezistux f'din il-vertenza billi l-atturi qatt ma ppossedew jew ddetjenew d-dritt vantat minnhom u billi ukoll l-operat tal-eċċipjent ma kienx vjolenti klandestin jew lesiv tad-drittijiet tal-attri izda kien att leġittimu magħmul apertament u in esekuzzjoni tad-drittt ta' proprjeta' tal-istess eċċipjent;

2. Salv eċċezzjonijiet oħra;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-imħarrkin;

Rat id-Degriet tagħha (diversament presjeduta) tal-10 ta' Mejju, 2000, li bih u għar-raġunijiet imsemmija, ċaħdet talba tal-imħarrkin biex jissejjaħ fil-kawża Joseph Sciberras;

Rat in-Noti mressqin mill-atturi fis-27 ta' Settembru, 2000[1], fit-13 t'Ottubru, 2000[2], u fis-17 t'Ottubru, 2000[3], bix-xhieda bl-affidavit tagħhom;

Rat in-Noti mressqin mill-atturi fis-17 t'Ottubru, 2000[4], b'għadd ta' dokumenti mehmużin magħhom;

[1] Paġġ. 22-5 tal-proċess
[2] Paġġ. 28 sa 30 tal-proċess
[3] Paġġ. 38 sa 40 tal-proċess
[4] Paġġ. 32A sa 34 u 43 sa 46 tal-proċess

Rat in-Nota mressqa mill-imħarrkin fis-27 ta' Novembru, 2000[5], bix-xhieda bl-affidavit tal-imħarrek;

Rat in-Nota mressqa mill-imħarrkin fis-6 ta' Diċembru, 2000[6], b'dokument mehmuż magħha;

Rat id-Degriet tagħha tas-6 ta' Diċembru, 2000, li bih ħatret lill-Avukat Vincent Falzon bħala mħallef supplenti biex jiġbor ix-xhieda ta' Joseph Sciberras;

Semgħet ix-xiehda tal-partijiet;

Rat id-Degriet tagħha tat-12 ta' Marzu, 2002, li bih tat lill-partijiet żmien biex iressqu Noti ta' Sottomissjonijiet;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-atturi fil-21 ta' Mejju, 2002[7];

Rat illi l-imħarrkin ma ressqu l-ebda nota bi tweġiba fiż-żmien mogħti lilhom;

Semgħet lill-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-Degriet tagħha tat-2 t'Ottubru, 2002, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni ta' spoll privileġġat. L-atturi, bħala sidien ta' raba' fil-limiti ta' San Pawl il-Baħar, jgħidu li għall-ħabta ta' Awissu tal-1999, l-imħarrek, li huwa sid ta' raba' ieħor biswit tagħhom, qabad u għalaq id-daħla ta' trejqa mnejn kienu jidħlu l-atturi għar-raba' tagħhom, billi għamel xatba tissakkar. L-atturi qegħdin jitlobu li

[5] Paġġ. 47-8 tal-proċess
[6] Paġ. 57 tal-proċess
[7] Paġġ. 116 sa 125 tal-proċess

jingħataw lura l-aċċess li tteħdilhom għar-raba' tagħhom mill-imsemmija trejqa;

Illi għal din l-azzjoni, l-imħarrkin laqgħu billi qegħdin jgħidu li l-atturi ma kellhomx il-pussess tal-jedd ta' mogħdija u b'hekk ma jeżistux l-elementi kollha meħtieġa biex tirnexxi l-azzjoni attriċi, u wkoll li dak li sar twettaq b'ħarsien tal-jeddijiet tagħhom fuq ħwejjiġhom;

Illi mill-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża, jirriżulta li l-atturi huma sidien ta' ħabel raba' fil-qasam magħruf bħala "Tal-Qarbuni" fil-limiti ta' San Pawl il-Baħar. L-art tagħhom hija mdawra b'raba' ieħor minn kull naħa[8]. Ir-raba' fl-inħawi huwa mtarraġ. L-imħarrek xtara xi raba' qrib dak tal-atturi fl-1991 u, b'xogħlijiet li għamel huwa stess, ħoloq mogħdija għall-għalqa tiegħu minn passaġġ pubbliku li jmiss mar-raba' li għandu f'idejh[9]. Biex saru dawn ix-xogħlijiet l-imħarrek qabbad lil persuna li għandha raba' fil-qrib biex twitti xi ħamrija b'gaffa[10]. Fl-1995 u għal zmien wara kienu nħolqu xi kwestjonijiet bejn l-imħarrek u l-atturi ħutu[11] dwar l-aċċess ta' l-għalqa tagħhom. F'Awissu tal-1999 saret ix-xatba tal-ħadid li dwarha qegħdin jilmentaw l-atturi. L-imsemmija xatba tissakkar b'katnazz li tiegħu l-atturi ma ngħatawx ċavetta. Ittieħdu proċeduri kriminali kontra l-imħarrek u b'sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali fit-28 ta'April, 2000[12], ġie konfermat is-sejbien ta' ħtija tiegħu dwar akkuza maħruġa kontrih dwar ix-xatba li għamel u l-jedd ta' mogħdija tal-atturi għar-raba' tagħhom minħabba fix-xatba;

Illi l-atturi jgħidu li r-raba' tagħhom ilu f'idejhom bosta snin u kienu jidħlu għaliha regolarment mill-mogħdija mertu ta' dan il-każ[13]. Dan il-fatt hu konfermat ukoll minn ċertu Karmnu Gauċi[14] li jgħid illi missier l-atturi kien jidħol għar-raba' tiegħu minn fuq raba' ta' ħaddieħor, li llum tinsab f'idejn Karmnu Gauċi ieħor (l-imħarrek). L-istess aċċess li

[8] Ara Dok "PA1" f'paġ. 44 tal-proċess
[9] Ara Dokti "ST1" u "ST2" f'paġġ 56-8 tal-proċess
[10] Xhieda Carmelo Gauċi 29.3.2001 f'paġġ 73-5 tal-proċess
[11] Dok "PA2" f'paġ. 46 tal-proċess
[12] Dok "X" f'paġġ. 33-5 tal-proċess
[13] Affidavit ta' Frans Agius, tal-attur u ta' John Agius 25.9.2000 f'paġġ. 23-25; u affidavit Paul Agius 17.10.2000 f'paġġ 39-40
[14] Affidavit 13.10.2000 f'paġġ 29-30

kellu x-xhud għar-raba' tiegħu kif imsemmi baqa' sakemm għaddiet it-triq magħrufa bħala Tal-Fjuri (jew Dawret San Pawl il-Baħar)[15]. Minn dak iż-żmien l-għalqa tax-xhud Gauċi ġiet tmiss mal-imsemmija By-pass imma dik f'idejn l-atturi baqgħet magħluqa minn kull naħa. Irriżulta li l-atturi kienu, għal dawn l-aħħar snin, jużaw ir-raba' tagħhom u jikkultivawh. Jidher[16] li kien hemm zmien meta l-art tagħhom ma kinitx tinħadem regolarment: imma dan ma jidhirx li kien il-każ fiż-żminijiet rilevanti għal din il-kawża;

Illi l-imħarrek jgħid[17] kif kiseb art tiegħu u x'wasslu biex f'Awissu tal-1999 waħħal ix-xatba mal-fetħa li tagħti mal-mogħdija pubblika. Hu jisħaq li l-ewwel darba li ra lil xi ħadd mill-atturi fl-għalqa tagħhom kien għall-ħabta tal-1997;

Illi għal dak li jirrigwarda <u>l-aspetti legali tal-każ,</u> jingħad li l-azzjoni mibdija mill-atturi hija dik possessorja magħrufa bħala l-Azzjoni ta' Spoll, u li hija msemmija fl-artikolu 535 tal-Kodiċi Ċivili, għal liema azzjoni japplika wkoll l-artikolu 791 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Din l-azzjoni hija waħda minn erba' azzjonijiet possessorji li l-Kodiċi Ċivili tagħna jagħraf li jistgħu jittieħdu għall-ħarsien tal-pussess;

Illi l-għażla ta' liema azzjoni tinbeda hija mħollija f'idejn min jagħmel il-kawża, u ladarba min jiftaħ kawża jfassalha fuq elementi partikolari, mhux imħolli lill-Qorti li tagħżel x'rimedju ieħor messu fittex l-attur. F'dan il-każ, kif jingħad fl-Att taċ-Ċitazzjoni nnifsu, l-azzjoni magħżula hija dik ta' spoll;

Illi huwa stabilit li l-azzjoni ta' spoll hija msejsa fuq l-ordni pubbliku u hija maħsuba bħala azzjoni mħaffa u effikaċi biex ma tħalli 'l ħadd li jieħu l-liġi b'idejh u jxekkel stat ta' fatt, u biex, jekk dan isir, min ikun għamel dan l-att jerġa' jqiegħed kollox minnufih kif kien, qabel kull indaġni oħra[18] (*spoliatus ante omnia restituendus*). F'din l-azzjoni huwa

[15] Xhieda Carmelo Gauċi 6.12.2000 f'paġġ 61-3
[16] Ara xhieda tal-imħarrek u ta' Joseph Sciberras 23.1.2002 f'paġġ 89-90 tal-proċess
[17] Dok "CG1" f'paġ. 48 tal-proċess
[18] Ara App. Ċiv. **9.3.1992** fil-kawża fl-ismijiet ***Cardona vs Tabone et*** (mhux pubblikata)

meħtieġ jiġu ippruvati tliet (3) elementi, u jiġifieri (a) il-pussess; (b) it-teħid tiegħu b'għamil tal-imħarrek u (ċ) li l-azzjoni nbdiet fi żmien xahrejn minn dak it-teħid;

Illi dwar l-ewwel element, huwa meħtieġ li jintwera li, fil-waqt li sar l-għamil ilmentat, l-attur kien fil-pussess imqar materjali jew ta' fatt[19]. Minbarra dan, il-pussess ma għandux ikun ekwivoku imma fid-dieher, ukoll jekk ikun għal waqt qasir[20], u l-Qorti għandha tillimita ruħha biss biex tqis il-fatt tal-pussess[21] u dak tal-ispoll[22]. Mhux meħtieġ li l-pussess li jista' jitħares minn azzjoni bħal din ikun wieħed esklussiv[23]. Huwa magħruf ukoll li din l-azzjoni tħares il-pussess ta' eżerċizzju ta' dritt. B'mod partikolari, jista' jkun il-każ fejn persuna jkollha pussess jew detenzjoni ta' jedd maħluq minn stat ta' fatt;

Illi l-liġi għandha dispożizzjoni speċifika għall-każ ta' kif jitqies il-pussess f'każ ta' servitu'[24] wkoll. Iżda l-iżjed ħaġa rilevanti għall-finijiet tal-każ li għandha quddiemha l-Qorti llum hu li wieħed jista' jitkellem dwar pussess tutelabbli wkoll fejn tali eżerċizzju ta' jedd ma jkunx imnissel minn titolu, li n-nuqqas tiegħu m'huwiex ta' xkiel għall-eżerċizzju tar-*remedium spolii*[25];

Illi f'dan il-każ m'għandu jkun hemm l-ebda dubju li l-atturi kellhom il-pussess tal-mogħdija fi grad qawwi u meħtieġ biex isejjes din l-azzjoni. Dan il-fatt ma jirriżultax biss mill-verżjoni mogħtija mill-atturi, imma, kif sewwa jirrilevaw fin-Nota ta' Sottomissjonijiet studjata tagħhom, intgħaraf ukoll minn Qorti oħra, li wkoll għarfet l-għamil tal-imħarrek bħala r-raġuni li minħabba fih l-atturi ċċaħdu minn dak il-pussess. Lanqas ma jiswa jingħad li l-atturi xorta waħda jistgħu jidħlu b'mod ieħor għall-għalqa tagħhom, għaliex huwa magħruf li l-ispoll jimmaterjalizza wkoll meta jkun hemm imqar ċaħda parzjali ta' pussess[26];

---

[19] App.: **26.1.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***J. Vassallo Gatt noe vs J. Camilleri pro et noe*** (Kollez. Vol.: **LXXX.ii.306**)
[20] P.A. : **21.2.1983** fil-kawża fl-ismijiet ***G.M. Tonna vs G.M. Tonna***
[21] App.: **4.12.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***J. Aquilina noe et vs L. Debono*** (Kollez. Vol:**LXXXII.ii.1217**)
[22] P.A. **12.6.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***J. Ċilia et vs L. Camilleri et*** (mhux pubblikata)*;*
[23] P.A.: **21.1.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***A. Pisani et vs V. Farruġia*** (mhux pubblikata);
[24] Art. 537 tal-Kap 16
[25] App. Ċiv **21.4.1947** fil-kawża fl-ismijiet ***Cortis et vs Sammut*** (Kollez. Vol: **XXXIII.i.55)**
[26] P.A. **16.1.1965** fil-kawża fl-ismijiet ***Cutajar vs Muscat*** (Kollez. Vol: **XLIX.ii..666**)

Illi jirriżulta wkoll li l-pussess tal-atturi jmur lil hinn minn wieħed ta' żamma prekarja jew b'tolleranza. Hija biss dwar għamla ta' żamma bħal din li l-azzjoni tal-ispoll ma tagħtix il-protezzjoni tagħha[27]. Dan qiegħed jingħad minbarra li f'azzjoni ta' pussess privileġġjat bħalma hija l-Azzjoni tal-Ispoll, il-kwestjoni tat-tolleranza tal-pussess m'għandhiex normalment tiġi meqjusa[28]. Għall-kuntrarju, f'dan il-każ jista' jingħad li, jekk l-atturi kisbu maż-żmien servitu' personali mnissel minn dritt ta' obbligazzjoni, huma għandhom dritt li jitolbu l-ħarsien tal-liġi permezz tal-azzjoni possessorja tal-ispoll kontra l-awtur tal-għamil li jfixkilhom fil-pussess[29]. Fuq kollox, mill-provi li tressqu, jirriżulta li l-eżerċizzju mill-atturi u saħansitra mill-awtur tagħhom (missierhom) qabilhom, dwar il-mogħdija biex jidħlu fl-għalqa, kien iseħħ sa minn żmien qabel mal-imħarrek kiseb ir-raba' tiegħu;

Illi bilkemm għandu għalfejn jingħad li l-kwestjoni dwar jekk il-jedd pretiż mill-atturi kienx tassew stabilit bit-titolu jew bil-mogħdija taż-żmien jew jekk kienx wieħed limitat għal jedd ta' passaġġ bir-riġel jew jekk kienx usa' m'hijiex kwestjoni li jmissha titqanqal fil-proċess tal-azzjoni ta' spoll, u lanqas, fil-fehma tal-Qorti, m'għandha titqies unilateralment. Din hi kwestjoni ta' natura petitorja, li t-tarf tagħha jinstab fi proċess petitorju;

Illi kemm hu hekk, l-eċċezzjoni mressqa mill-imħarrkin tinferaq f'żewġ taqsimiet: fl-ewwel parti l-imħarrkin jgħidu li l-azzjoni attriċi hija nieqsa minn elementi essenzjali meħtieġa biex tirnexxi, u fit-tieni parti jgħidu li dak li sar ma kienx għamil kontra l-liġi, imma għamil li jimxi mad-drittijiet ta' proprjeta' tagħhom fuq ħwejjiġhom. Filwaqt li l-ewwel fergħa tal-eċċezzjoni għandha tabilfors tiġi mistħarrġa fid-dawl tal-provi mressqa, jingħad minnufih li t-tieni fergħa m'hijiex sostenibbli bħala difiża f'azzjoni bħal din. F'kawża ta' spoll, lill-Qorti ma jinteressaha xejn jekk min jagħmel l-att spoljattiv allegat mill-attur spossessat

[27] App. Ċiv. **12.3.1984** fil-kawża fl-ismijiet ***Borġ vs Dalli*** (Kollez. Vol: **LXVII.ii.127**)
[28] App. Ċiv. **5.10.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Fenech et vs Bonanno et*** (Kollez. Vol: **LXXXII.ii.934**) u s-sentenzi hemm imsemmija
[29] Ara, per eżempju, P.A. **15.3.1960** fil-kawża fl-ismijiet ***Montebello vs Montebello*** (Kollez. Vol: **XLIV.i.562**) li kienet tittratta dwar spoll minn mogħdija

kienx sid jew kellux jedd patrimonjali fuq dik il-ħaġa. Eżami dwar dak il-jedd imur lil hinn mill-indaġni li trid issir f'azzjoni possessorja ta' integrazzjoni, minħabba li dak huwa eżerċizzju li jolqot il-jeddijiet petitorji tal-partijiet;

Illi din il-Qorti tqis li jekk għandu jingħata tifsir sewwa tal-azzjoni possessorja tal-ispoll maħsuba fl-artikolu 535, din għandha tiġi mfissra kif riedha l-leġislatur. Kien għalhekk li dak l-artikolu suppost jinqara flimkien mal-imsemmi artikolu 791 tal-Kap 12, li jillimita l-għamla ta' eċċezzjonijiet li jistgħu jittellgħu kontra l-attur għal dawk strettament ta' natura dilatorja[30]. B'mod partikolari, għall-azzjoni ta' spoll, l-imħarrek ma jistax iwieġeb jew jilqa' billi jgħid li l-att tiegħu kien wieħed leġittimu, għaliex dik id-difiża tappartieni lill-ġudizzju petitorju[31]. Għaldaqstant ukoll, il-mottiv li jkun ġiegħel jew anima lill-imħarrek biex iwettaq l-għamil li jnaqqas il-pussess ma jiswa xejn biex itaffi jew ixejjen is-sanzjoni li l-azzjoni ta' spoll iġġib magħha[32], jiġifieri dik li l-persuna mneħħija mill-pussess għandha titqiegħed lura f'dak il-pussess sħiħ u bla mittiefes qabel kull ħaġa oħra (*spoliatus ante omnia restituendus*)[33];

Illi f'din il-kawża, l-imħarrkin inħlew bi sforzi kbar biex jistabilixxu l-jedd tagħhom patrimonjali fuq ir-raba' tagħhom, meta dan ma kienx rilevanti għall-azzjoni pussessorja li għandha quddiemha l-Qorti llum. L-imħarrek seħaq bil-kbir dwar dan l-aspett: imma għall-għanijiet ta' din il-kawża dan huwa immaterjali, u l-jeddijiet minnu vantati jibqgħu impreġudikati ikun x'ikun l-eżitu għall-atturi f'din il-kawża;

Illi fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet li għadhom kemm saru, din il-Qorti ssib li ma tistax taqbel mal-imħarrkin meta jeċepixxu li kien jonqos fl-atturi l-element tal-pussess li jsejjes l-azzjoni tagħhom;

Illi, <u>dwar it-tieni element</u>, huwa meħtieġ li jintwera li l-għamil spoljattiv ikun wieħed arbitrarju u magħmul kontra

[30] App. Ċiv. **2.11.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Aġius et vs Aġius et*** (Kollez. Vol: **LXXVIII.i.319**)
[31] P.A. **4.2.1958** fil-kawża fl-ismijiet ***Delia vs Schembri et*** (Kollez Vol: **XLII.ii.900**)
[32] App. Ċiv. **9.3.1992** fil-kawża fl-ismijiet ***C. Cardona vs F. Tabone et***, fuq imsemmija
[33] Ara P.A. NA **15.10.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Nażżareno Attard vs Francis Attard***

r-rieda tal-possessur b'mod li jista' jagħti lok għal azzjoni ta' danni kontra min ikun wettqu[34]. Huwa wkoll maħsub li l-għamil irid ikun wieħed vjolenti jew imqar mistur għall-għarfien tal-persuna li kellha l-pussess[35];

Illi, ġie mfisser ukoll li l-kliem "*vis aut clam*" li jirradikaw dan l-element tal-azzjoni, mhux tabilfors jissarraf f'għamil ta' tkissir jew qerda ta' oġġett miżmum mill-attur jew li fih huwa jġarrab xi ħsara fiżika, għaliex huwa biżżejjed li l-għamil spoljattiv isir kontra r-rieda tiegħu <u>jew</u> mingħajr ma jitħalla jintebah bih[36];

Illi f'dan il-każ, intwera ċar li meta sar ix-xogħol tat-twaħħil tax-xatba u t-tiskir tagħha b'katnazz l-atturi ma tawx il-kunsens tagħhom. Jirriżulta wkoll, bi stqarrija tal-imħarrek innifsu, li x-xogħol għamlu hu stess. Hu jisħaq li dan sar biex ma jibqax iġarrab iżjed ħsara u vendikazzjoni fi ħwejġu u biex terzi persuni ma jibqgħux jirfsu minn fuq ħwejġu. Minkejja dawn il-motivi li setgħu kienu siewja għalih, ma jistax jiġi miċħud li l-effett ta' għamilu ħassewh l-atturi direttament;

Illi, kif irriżulta wkoll lill-Qorti kompetenti, l-għamil tal-imħarrek kien wieħed vjolenti, fis-sens li kien għamil li jikkostitwixxi reat magħruf mil-liġi;

Illi <u>dwar it-tielet element</u>, il-liġi trid li l-azzjoni għat-tneħħija tal-effetti tal-ispoll għandha tinbeda fi żmien xahrejn. Dan iż-żmien huwa meqjus bħala terminu ta' dekadenza. Bħal kull wieħed ieħor mill-elementi tal-azzjoni, dan il-fatt għandu jiġi pruvat mill-attur. Iżda meta l-kwestjoni taż-żmien tittella' mill-imħarrek bis-saħħa ta' eċċezzjoni, allura l-prova li l-azzjoni ta' spoll privileġġat saret barra żmienha taqa' fuq l-istess imħarrek, kif jipprovdi l-artikolu 562 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta[37];

Illi dwar il-kwestjoni taż-żmien li fiha jmissha ssir il-kawża għandu jingħad li tinqala' l-problema dwar minn meta

---

[34] P.A. **30.4.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***J. Vella pro et noe. vs S. Micallef*** (Kollez. Vol: **LXXV.iii.695**)
[35] App. Ċiv. **9.1.1976** fil-kawża fl-ismijiet ***A. Mizzi noe vs R. Clark noe***
[36] App. Ċiv. **20.1.1961** fil-kawża fl-ismijiet ***Desira vs Lungaro*** (Kollez. Vol: **XLV.i.19**)
[37] App. Ċiv. **18.6.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***N. Vassallo vs F. Esposito*** (mhux pubblikata)

għandu jibda jintgħadd it-terminu ta' xahrejn li tiffissa l-liġi. Dan jinħoloq b'mod partikolari meta l-għamil spoljattiv ikun sar minn wara dahar il-persuna li kellha l-pussess. Kien hemm każijiet fejn il-qrati għamlu distinzjoni bejn meta l-għamil ta' spoll ikun wieħed li sar darba u fejn l-għamil ikun att li jippresisti, u għalhekk inħoloq il-ħsieb li l-azzjoni tibda jew minn meta l-persuna li tteħdilha l-pussess intebhet bl-ispoll jew meta l-att persistenti ntemm[38]. Iżda, fil-fehma tal-Qorti, qari xieraq taż-żewġ artikoli tal-liġi li jitkellmu dwar l-azzjoni privileġġata tal-ispoll (l-artikolu 791 tal-Kap 12 u l-artikolu 535 tal-Kap 16) ma jħallux għażla għal dik li għandha tkun it-tifsira xierqa li jmissha tingħata dwar minn meta għandu jintgħadd iż-żmien ta' xahrejn: dan għandu jibda jitqies minn dak inhar tal-ispoll[39];

Illi fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti, dan l-element m'hemmx dubju li huwa mwettaq, għaliex il-kawża nfetħet inqas minn xahrejn wara li sar l-għamil attakkat. L-imħarrek lanqas qanqal xi kontestazzjoni dwar dan, apparti li jistqarr li kien f'Awissu tal-1999 li għamel ix-xatba, u f'Settembru ta' dik l-istess sena nfetħet il-kawża;

Illi biex isseħħ l-azzjoni tal-ispoll huwa meħtieġ ukoll li t-tliet elementi msemmija hawn ikunu kollha pruvati li jesistu, b'mod illi jekk jinstab, per eżempju, li l-attur naqas li jressaq l-azzjoni fiż-żmien ta' xahrejn, l-azzjoni taqa' minħabba n-nuqqas ta' wieħed mill-elementi meħtieġa mingħajr ma jkun hemm bżonn li wieħed jistħarreġ jekk jikkonkorrux l-elementi l-oħrajn tal-pussess u tal-għamil li bih il-pussess ikun ittieħed;

Illi jirriżulta li, fil-każ preżenti, t-tliet elementi ewlenin tal-azzjoni attriċi ġew ippruvati kif imiss, u li l-eċċezzjonijiet imressqa mill-imħarrkin ma jsibux l-appoġġ tal-liġi;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

Filwaqt li **tiċħad l-eċċezzjonijiet** tal-imħarrkin;

---

[38] P.A. **19.1.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Borġ vs Attard*** (mhux pubblikata)
[39] App. Ċiv. **4.12.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr. F.X. Vassallo noe vs J. Baldacchino et*** (Kollez. Vol: **LXXXII.ii.1354**)

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u tiddikjara li bl-għamil tiegħu li jwaqqaf ix-xatba bi pjanċa tal-metall u jaqfilha b'katnazz u b'hekk ċaħħad lill-atturi mill-pussess ta' mogħdija għar-raba' tagħhom, l-istess imħarrek wettaq għamil ta' spoll bi ħsara tal-atturi;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** u tikkundanna lill-imarrkin biex sa żmien ħmistax-il (15) jum millum, jerġgħu jqiegħdu lill-atturi fil-pussess sħiħ u bla mittiefes tal-imsemmija mogħdija kif kienet qabel Awissu tal-1999;

**Tilqa' t-tielet talba attriċi** u tawtorizża minn issa lill-atturi biex jagħmlu huma, bi spejjeż tal-imħarrkin, dak kollu meħtieġ biex jerġgħu jieħdu lura l-pussess tal-mogħdija, jekk kemm-il darba l-imħarrkin jonqsu li jagħtu lura l-pussess sħiħ fiż-żmien mogħti; u

**Tikkundanna lill-imħarrkin** biex iħallsu l-ispejjeż kollha tal-kawża, kif mitlub mill-atturi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------